**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 86 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Citta' Beland
Frott iz-Zebbug Ismi

**Seduta** 11/10 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008
**Data** 02/09/2010 fis-6.10pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Attendenza**

| | |
|---|---|
| Sindku Joe Attard | Preżenti |
| Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| Camilleri Claude | Preżenti |
| Darmanin Richard | Preżenti |
| Fenech Stephanie | Preżenti |
| Hales Joseph | Preżenti |
| Pace Darrell | Preżenti |
| Seychell Anthony | Preżenti |
| Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti mis-7.20pm |

**Preżenti wkoll**
Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistant Prinċipal Caroline Schembri

**11. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 1. 1 | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Darmanin | **Il-Minuti 10/10 inqraw u ġew approvati nem.con. Għal din il-laqgħa ma kienx hemm korrezzjonijiet.** | |
| 11. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**11. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 2. 1 | 10.2.5 | Viċi-Sindku: Servizz fil-Komunita' | Il-Viċi-Sindku irrapurtat li s-servizz fil-komunita' minn Benua Camilleri qed isir nhar ta' Ħadd hekk kif imħabbar fil-laqgħa preċedenti. | Viċi-Sindku |
| 11. 2. 2 | 10.6.1 | Seychell:Dawl fi Ġnien Brejġu | Seychell staqsa jekk hemmx xi problema fid-dawl ta' Ġnien Breġju. Is-Sindku spjega li tlesta l-ewwel circuit u x-xogħol fuq it-tieni circuit ta' sitt arbli ser jitkompla fil-jiem li ġejjin.. | Sindku |
| 11. 2. 3 | 10.7.1 | Viċi-Sindku: Ġbir ta' skart reċiklabbli/Premju Lokalitajiet Indaf | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ż-Żejtun ġie irrapurtat bħala lokalita' li l-aktar li fiha sar progress fir-rimi ta' skart reċiklabbli. Diġa' bdiet ħidma fuq l-iskema għall-premju lokalitajiet indaf u l-programm ġie varat waqt l-attivita' Tislima Sajf 2010 fl-20 ta' Awwissu. | Viċi-Sindku |
| 11. 2. 4 | 10.9.3 | Viċi-Sindku: Korsijiet tat-tfal | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-korsijiet tat-tfal tal-crafts tlestew u ghal darb'oħra kien hemm attendenza tajba. | |

**11. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML11/10. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 3. 1 | 01 | MEPA: PA02909/10 | **Il-Kunsill qabel nem.con sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dawn is-siti jinsabu fil-village core u għalhekk għandu jinżamm it-texture u l-karattru ta' l-inħawi.** | Sindku |
| 11. 3. 2 | 02 | MEPA: PA1614/10 | **Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-MEPA peress li Triq Tal Barrani hija arterjali u jkun aħjar li jsir traffic management. Il-Kunsill qed jitlob laqgħa mas-Sur Attard Montalto tat-TM sabiex issir konsultazzjoni.** | Sindku<br>Darmanin |
| 11. 3. 3 | 05 | MEPA: Proposta ta' one-way Triq il-Bies | Is-Sindku inkariga lil Darmanin sabiex issir evalwazzjoni tal-proposta tal-MEPA sabiex Triq il-Bies issir one-way. | Darmanin |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 3. | 4 | 12 | DLG: Public Private Partnership | Skond l-ittra tad-dlg, il-ħlas għal xogħolijiet fuq l-uċuħ tat-toroq bl-iskema tal-public private partnership isir fuq medda ta' 6 snin bi 30% jingħata mill-gvern. L-ewwel sena isir 40% tal-pagament mill-Kunsill b'20% mill-gvern, it-tieni sena 20% tal-pagament mill-Kunsill b'10% mill-gvern. Il-bqija l-oħra tal-pagamenti isiru kollha mill-Kunsill. B'din l-iskema l-Kunsill attwali jkun qed jikkommetti ruħu fuq il-Kunsill li jmiss. Tlabna lid-Dipartiment għad-dettalji dwar il-kuntratt iżda bqajna bla tweġiba. | Sindku |
| 11. | 3. | 5 | 14 | AKL: Tipping Fees | L-AKL tat struzzjonijiet lill-Kunsilli Lokali sabiex ma jitħallsux tipping fees lill-WasteServ iktar mill-allokazzjoni tal-Gvern Lokali. | Segretarjat |
| 11. | 3. | 6 | 16/17 | Transport Malta: Bankina fi Triq Villa Cagliares | It-Transport Malta infurmat lill-Kunsill li bankini fi Triq Villa Cagliares jistgħu isiru fil-kantunieri. **Il-Kunsill qabel li l-bankini f'kull parti taż-Żejtun għandhom isiru mill-Kunsill u mhux mill-individwi**. Fenech irrimarkat li fuq il-bankina li saret mill-inidividwu fi Triq Villa Cagliares, twaħħlu 3 poles. **Il-Kunsill qabel li dawn il-poles għandhom jitneħħew kif ukoll li jinforma lir-residenti tat-triq inkwistjoni b'dak kollu li ġara rigward il-bankina li saret fl-istess triq**. It-Trasport Malta tat struzzjonijiet lill-Kunsill sabiex is-single lines li hemm f'din it-triq jinbidlu għal double yellow lines quddiem din il-bankina ġdida. **Il-Kunsill irid jindaga dwar din id-deċiżjoni tat-Trasport Malta.** | Sindku Darmanin |
| 11. | 3. | 7 | 18/22 | MEEF: Proġett taż-Żgħażagħ | Id-dipartiment informa lill-Kunsill li l-proġett Kunsill Lokali Żgħżagħ sottomess mill-Kunsill Lokali Żejtun ġie aċċettat. Fenech infurmat lill-Kunsill li d-dipartiment bagħat flyers sabiex dawk iż-żgħażagħ li jkunu interesati jistgħu japplikaw sal-15 ta' Ottubru. S'issa il-youth worker għadu ma ġiex impjegat mid-dipartiment u għaldaqstant l-outreach qed isir minn Fenech. 25% ta' dan il-proġett (jekk jiġi aċċettat) ser ikun finanzjat mill-Kunsill Lokali mill-fondi tas-sotto kumitat żgħażagħ u sports, u jekk meħtieġ isir "capping". | Fenech |
| 11. | 3. | 8 | 19 | Greenpak: PRO Europe Congress Green Dot 2010: Green Economy in Action | Is-Sindku ġie mistieden jattendi konferenza fi Brussels mħallsa mill-Greenpak. Is-Sindku inkariga lill-Viċi-Sindku sabiex tattendi konferenza ġewwa Brussels bejn is-7 u t-8 ta' Ottubru fuq invit tal-Greenpak. Il-Kunsill Lokali Żejtun ġie mistieden għal din il-konferenza peress li kien l-aktar Kunsill li għamel progress fir-rimi ta' skart reċiklabbli. Hu xieraq li tattendi l-Viċi-Sindku billi hi mexxiet il-kampanja Recycling Tuesdays fiż-Żejtun. | Viċi-Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 1 | Għaqda Mużikali Beland:Ringrazzjament u attivita' 26.09.10 | L-Għaqda Mużikali Beland irringrazzjat lill-Kunsill għas-sehem tiegħu fiċ-ċelebrazzjoni ta' għeluq il-50 sena President tas-soċjeta' Dr Alexander Cachia Zammit. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sabiex jittella' programm in-naħa ta' l-oratorju nhar is-26 ta' Settembru fl-okkażjoni tal-festa tal-Kappella ta' l-istess Għaqda. | |
| 3. 10 | 26 | HSBC: Sponsor Korsijiet IT Adults | Il-bank HSBC offra Eur100 bħala sponsor sabiex isiru korsijiet ta' l-IT ta' l-adults fix-xitwa. Camilleri informa lill-Kunsill li l-kumpanija TCTC lesta li tagħmel tajjeb għall-flus li ma nġabrux minn sponsors iġifieri Eur1,000 ladarba l-Kunsill jieħu ħsieb l-istampar u tqassim tal-flyers. **Il-Kunsill qabel li l-parteċipanti għandhom iħallsu Eur10 għal dawn il-korsijiet sabiex jintrabtu li jattendu. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jagħmel diskussjonijiet ma' TCTC dwar fondi ta' l-EU fir-rigward ta' dawn il-korsijiet.** | Camilleri |
| 11. 3. 11 | 27 | Dipt tal-Konsumatur u Kompetizzjoni Ġusta: Tender Ġbir ta' Skart | **Wara li nqrat l-ittra tad-dipartiment tal-konsumatur u kompetizzjoni ġusta dwar it-tender tal-ġbir ta' skart, il-Kunsill qabel li għandu jehmeż din il-korrispondenza mat-tender ta' l-iskart li ser jiftaħ għada u jagħlaq fit-28 ta' Settembru 2010.** | Sindku Segretarjat |
| 11. 3. 12 | 28 | KL M'Skala: Triq Wied il-Għajn one-way | **Dwar il-proposta tal-KL M'Skala sabiex Triq Wied il-Għajn issir one way, il-Kunsill qabel li għandha issir evalwazzjoni ta' l-irziezet li hemm f'din it-triq u l-makkinarju li jintuża f'dawn l-irziezet.** | Darmanin |
| 11. 3. 13 | 29 | Fr E Overend: Self ta' pittura tad-Duluri | **Il-Kunsill qabel li jsellef l-kwadru tal-pittura tad-Duluri ta' Ġużeppi Caruana. Wille Piscopo offriet li ssellef il-kwadru tal-Madonna ta' l-istess pittur tagħha personali sabiex jiġi eżebit f'Żejt iż-Żejtun.** | |

**11. 4. Ħlasijiet**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 11. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 11/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 11. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 11/10 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 11/10 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 11. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 11/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 11. 4. 4 | | Petty Cash Lulju 2010 | **Il-Kunsill approva l-pettycash li ntefaq matul Lulju 2010 hekk kif preżentat li kien jammonta għal €133.25.** | Segretarjat |
| 11. 4. 5 | | Petty Cash Awwissu 2010 | **Il-Kunsill approva l-pettycash li ntefaq matul Awwissu 2010 hekk kif preżentat li kien jammonta għal €164.35.** | Segretarjat |

**11. 5. Tender għal ġbir ta' l-iskart**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 11. 5. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Sur Frans Said irrfjuta li jiffirma l-kuntratt tal-ġbir ta' skart fuq parir tal-GRTU. Ma kienx hemm għażla oħra ħlief li jitqabbad kuntrattur ta' emerġenża wara li nġabru kwotazzjonijiet. Bħalissa l-kuntrattur li qed jiġbor l-iskart huwa R & A Waste. Dan il-kuntrattur qed jiġi mhedded mill-GRTU li ma jieħux il-flus ta' recycling tuesdays li għandu f'M'Scala, l-Iklin u Ħal Qormi. | Sindku |
| 11. 5. 2 | | | **Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ sejħa għall-offerti mill-ġdid. Id-dokumenti jistgħu jinġabru mill-Kunsill bejn it-3 u t-28 ta' Settembru. Din id-darba is-sejħa ser tkun għal ġbir ta' skart bieb bieb kif ukoll għal bins on wheels.** | Segretarjat |
| 11. 5. 3 | | Wille Piscopo: Ilment | Wille Piscopo ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar tagħsir ta' l-iskart mit-trakk li jiġbor l-iskart bil-konsegwenza li l-likwidu li qed jaqa' fit-toroq qed iħalli irwejjaħ kbar. L-ilmenti li daħlu l-Kunsill kienu fi Pjazza Girgor Bonici u t-toroq ta' wara l-knisja bħal Santa Monika u Beland. Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li l-kuntrattur diġa' ġie avviċinat u kellu jirranġa t-trakk. **Il-Kunsill qabel li jekk is-sitwazzjoni ma titranġax ikunu applikati l-penali.** | Sindku |

**11. 6.** **Tkabbir ta' Misraħ Indipendenza**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 6. 1 | | Sindku: Tkabbir u Tisbiħ ta' Misraħ Indipendenza | Is-Sindku informa lill-Kunsill li t-tkabbir ta' Misraħ Indipendenza ma jistax isir, skond il-korrispondenza li l-Kunsill irċieva. Wara li l-Kunsill kien ilu jitħabat u jikkorrispondi ma' l-awtorjatiet konċernati sabiex isir l-iżvilipp ta' Misraħ Indipendneza, il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-avukati ta' sid l-għalqa li kienet ilha ma tħallas qbiela 3 snin, li l-Kunsill ma jistax jidħol u jaħdem f'din l-għalqa. Anke l-MEPA infurmat lill-Kunsill li ma ma jistax jagħti l-alignment peress li ma jistax jidħol fl-għalqa. Id-Dipartiment ta' l-Artijiet kien ilu ma jaċċetta l-qbiela ta' l-art inkwistjoni madwar 3 snin u issa jidher li sid l-għalqa ħallas il-qbiela għat-3 snin li għaddew u għas-sena li ġejja. **Fid-dawl ta' dan kollu il-Kunsill qabel li għandu jikteb lis-Segretarju Parlamentari Dr Jason Azzopardi biex issir investigazzjoni.** | |

**11. 7.** **Żejt iż-Żejtun**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 7. 1 | | Viċi-Sindku: Reklamar | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar ir-reklamar ta' Żejt iż-Żejtun fuq billboards, fuq il-magażin turistiku day by day u fuq il-magażin il-gwida. Dan apparti l-istqarrijiet għall-istampa li ser jintbagħtu fuq il-gazzetti. | Viċi-Sindku |
| 11. 7. 2 | | Viċi-Sindku: Laqgħat | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex il-ġimgħa d-dieħla isiru laqgħat maż-żgħżagħ kif ukoll mal-kunsilliera li ser jagħtu sehemhom f'Żejt iż-Żejtun. | Viċi-Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Viċi-Sindku: Wirja minn Joe Baldacchino | Din is-sena f'Żejt iż-Żejtun fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat ser tittella' wirja ta' pittura mis-Sur Joe Baldacchino, rebbieħ ta' Ġieh iż-Żejtun 2010. | Viċi-Sindku |

**Kiosk fi Ġnien San Girgor**

| za | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 8. 1 | 23 | Silvio Quirolo: Offerta | Il-Kunsill iddiskuta l-offerta tas-Sur Quirolo għall-Kiosk is-Sienja ta' Eur3,500. Pace irrimarka li fix-xitwa ma jiftaħx, anke meta jkun hemm it-training taż-Żejtun Corinthians nhar ta' Sibt u Ħadd. | |
| 11. 8. 2 | | | **Il-Kunsill qabel nem.con li l-kiri ta' kiosk is-Sienja għas-sena 2010-2011 għandha tibqa' f'idejn is-Sur Quirolo invista ta' l-investiment qawwi li għamel. Ukoll ħa inkunsiderazzjoni li l-pagamenti tal-kera kif ukoll tad-dawl u l-ilma kien dejjem fil-ħin. Dan bil-kundizzjoni li jrid jiftaħ fix-xitwa u meta jkun hemm it-training taż-Żejtun Corinthians, isir it-tindif tad-dawra tal-kiosk u ma jsir l-ebda dħul ta' vetturi meta jkun hemm it-tfal u l-attivitajiet. Fis-sena 2011 il-Kunsill qabel li għandu joħroġ sejħa għall-offerti mill-ġdid fuq proposta tas-Sindku.** | |

**11. 9.** **Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 11. 9. 1 | | Ma ġewx preżentati mozzjonijiet għal din il-laqgħa. | |

**11. 10.** **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 10. 1 | | Viċi-Sindku: Solidarjeta' mas-Sindku | Fil-laqgħa preċedenti il-Kunsilliera esprimew s-solidarjeta' tagħhom mas-Sindku wara l-att vandalu li twettaq fuq il-qabar tal-familja tiegħu. Il-Kunsilliera japprezzaw ix-xogħol li jsir fiż-Żejtun mis-Sindku. | |
| 11. 10. 2 | | Fenech: Attivitajiet Sotto Kumitat Żgħażagħ u Sports | Fenech infurmat lill-Kunsill li t-taste dive, z@freak u l-Mcast meeting saru hekk kif kien previst. | Fenech |
| 11. 10. 3 | | Viċi-Sindku: Attivitajiet Sotto Kumitat Familja | Il-Viċi-Sindku irrapurtat l-attivita' Tislima Sajf fejn kien hemm iżjed parteċipazzjoni mill-għalliema u l-attivita' annwali ġewwa Għawdex li din is-sena żaru d-Dwejra. | Viċi-Sindku |
| 11. 10. 4 | | Sindku: Billboards mtella' mill-Għaqdiet Lokali | **Il-Kunsill iddiskuta l-billboards mtella' mill-għaqdiet lokali u ġie deċiż dan li ġej: il-promozzjonijiet ta' attivitajiet li jkunu għaddew għandhom jitneħħew iżda l-billboards jistgħu jibqgħu fuq il-post u dan sabiex meta ma jkunux qed jintużaw mill-għaqdiet, ikun jista' jsir użu mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel ukoll li qabel ma jittella poster il-Kunsill għandu jkollu kopja tiegħu.** | |
| 11. 10. 5 | | Viċi-Sindku/Darmanin: Part-timer | Il-Viċi-Sindku u Darmanin talbu sabiex tkun diskussa l-probation period tal-part-timer RoseMarie Cassar fil-laqgħa li jmiss. | Segretarjat |
| 11. 10. 6 | | Darmanin: Krisi fil-Kunsilli Lokali | Darmanin talab lill-Kunsilliera sabiex joqgħodu attenti waqt il-qadi tad-dmirijiethom bħala kunsillieri. Dan minħabba l-kriżi fil-Kunsilli Lokali. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 11. | 10. 7 | Fenech: Ringrazzjament | Fenech talbet lill-Kunsill jibgħat ittra ta' ringrazzjament lil Fr Mario għax-xogħol tiegħu fil-komunita' peress li dan sar kappillan ta' M'Xlokk. | Segretarjat |
| 11. | 10. 8 | Fenech: Fr Vince | Fenech infurmat lill-Kunsill li Fr Vince ser ikun inkarigat minn progett ta' ETC għal żgħażagħ ma' jaħdmux. **Għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' ma' Fr Vince,** biex [illegible] | Fenech |
| 11. | 10. 9 | Fenech: Spralli - Triq San Girgor | **Il-Kunsill qabel li għandom jitnaddfu l-ispralli ta' Triq San Girgor.** | |
| 11. | 10. 10 | Fenech: Bankina Sfrundata | Fenech irrapurtat bankina sfrundata mit-trakkijiet fi Triq Connaught k/m Triq San Girgor. | Sindku |
| 11. | 10. 11 | Fenech: Nuqqas ta' dawl f'Misraħ MA Vassalli | Fenech irrapurtat nuqqas ta' dawl f'Misraħ Mikiel Anton Vassalli li qed ikun lok għall-abbużi. | Sindku |
| 11. | 10. 12 | Fenech: Fanali f'Misraħ Diċembru XIII | Fenech infurmat lill-Kunsill li rat diversi kummenti fuq facebook dwar l-istat tal-fanali f'Misraħ Diċembru XIII. | Sindku |
| 11. | 10. 13 | Pace: Road Markings f'Ġebel San Martin | Pace talab sabiex isru road markings f'Ġebel San Martin. Is-Sindku saħaq li għandu jsir pjan ta' traffic management f'din iż-żona. | Darmanin |
| 11. | 10. 14 | Pace: One way Triq Xandru Farrugia k/m Triq Labour | Pace ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar nuqqas ta' osservanza tal-one way ta' Triq Xandru Farrugia k/m Triq Labour. | Darmanin |
| 11. | 10. 15 | Camilleri: Road Markings | Camilleri fakkar fir-road markings parking bays ta' Triq Arkibużier, Triq Kapumastru, Triq M'Skala. Wille Piscopo fakkret fi Triq San Ġużepp u Triq Beland. | Darmanin |
| 11. | 10. 16 | Camilleri: Bozza ġdida | Camilleri talab bozza ġdida fi Triq Falkunier wara Triq Kastellan. | Sindku |
| 11. | 10. 17 | Seychell: One Way Triq Madonna tal-Ħniena | Seychell ġibed l-attenzjoni dwar nuqqas ta' osservazzjoni ta' one way fi Triq Madonna tal-Ħniena bejn Triq l-Għannejja u Triq San Pawl. | Darmanin |
| 11. | 10. 18 | Seychell: Kors Arti u Disinn | Seychell informa lill-Kunsill li l-kors ta' l-Arti u d-Disinn ser jispiċċa fl-4 ta' Settembru u talab lis-Sindku sabiex jagħti ċ-ċertifikati lill-parteċipanti waqt l-aħħar sezzjoni. | Seychell |
| 11. | 10. 19 | Seychell: Kompetizzjoni ta' l-Inbid | Seychell irrimarka li din is-sena żdiedu l-kompetituri fil-kompetizzjoni ta' l-inbid. | Seychell |
| 11. | 10. 20 | Seychell: Laqgħa maż-Żejtun Corinthians | Seychell informa lill-Kunsill li ma kienx infurmat fil-bdil tal-ħin tal-laqgħa maż-Żejtun Corinthians. Is-Sindku skuża ruħu ta' dan l-inkonvenjent. | |
| 11. | 10. 21 | Viċi-Sindku: Attivita' Gaffiero Productions | **Il-Kunsill qabel li l-Ħadd 5 ta' Settembru tittella' attivita' ġewwa Ġnien San Girgor minn Gaffiero Productions. Din ser tkun attivita' fil-magħluq bi dħul kontrollat. Gaffiero Productions ser ikunu obbligati jħallsu Eur100 għall-użu tal-ġnien kif ukoll għall-ħaddiema.** | |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 16 ta' Settembru 2010 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv